

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 396



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 61

31 ta' Ottubru 2018

Werrej

III Atti preparatorji

IL-QORTI TAL-AWDITURI

2018/C 396/01

Opinjoni Nru 3/2018 (skont l-Artikolu 287(4), TFUE) dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp [COM(2018) 485 final]

1

III

(Atti preparatorji)

IL-QORTI TAL-AWDITURI

OPINJONI Nru 3/2018*(skont l-Artikolu 287(4), TFUE)***dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il
Fond Ewropew għall-Iżvilupp [COM(2018) 485 final]***(2018/C 396/01)***WERREJC**

	<i>Paragrafu</i>	<i>Pàġna</i>
Introduzzjoni	1-3	2
Osservazzjoni ġenerali	4	2
Osservazzjonijiet speċifiċi	5-9	3
Appoġġ baġitarju	5-8	3
Analiżi ta' paragrafi individwali	9	3
Anness — Analiżi tal-proposta tal-Kummissjoni u s-suġġerimenti tal-Qorti		

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 287(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji *extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni ⁽²⁾,

Wara li kkunsidrat l-Opinjoni Nru 3/2013 tal-Qorti dwar il-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽³⁾,

Wara li kkunsidrat l-Opinjoni Nru 8/2015 tal-Qorti dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2015/323 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽⁴⁾,

Wara li kkunsidrat l-Opinjoni Nru 1/2017 tal-Qorti li tikkonċerna l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 ⁽⁵⁾,

Wara li kkunsidrat ir-rapporti annwali tal-Qorti dwar l-attivitajiet iffinanzjati mit-8, mid-9, mill-10 u mill-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽⁶⁾,

Wara li kkunsidrat ir-rapporti speċjali tal-Qorti Nru 9/2013 ⁽⁷⁾, Nru 4/2013 ⁽⁸⁾ u Nru 11/2010 ⁽⁹⁾,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽¹⁰⁾,

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill għal opinjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq, riċevuta mill-Qorti tal-Awdituri fis-16 ta' Lulju 2018,

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

INTRODUZZJONI

1. L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li tallinja r-regoli finanzjarji tal-FEŻ ma' dawk applikabbli għall-baġit tal-Unjoni. Ir-Regolament attwali tal-Kunsill dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp huwa strutturat bħala ġabra ta' referenzi għar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ir-regolament finanzjarju ġenerali, GFR) bl-esklużjoni jew l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet biex jaqdu dak li hu speċifiku għall-FEŻ.

2. Il-Qorti għamlet osservazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar il-proposta għall-GFR fl-Opinjoni Nru 1/2017 tagħha.

3. Peress li r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹¹⁾) dan l-aħħar ġie rivedut, huwa neċessarju li r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ jiġi adattat.

OSSERVAZZJONI ĠENERALI

4. Ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, li ġie propost, fih bosta referenzi għall-GFR fl-artikoli tiegħu. Din il-prattika tissimplifika l-qafas regolatorju tal-FEŻ billi tnaqqas l-għadd ta' testi legali li jkunu jridu jiġu modifikati f'każ ta' aġġornamenti futuri tal-GFR u tiżgura l-konsistenza bejn it-testi legali kkonċernati. Madankollu, dan ifisser li r-regolament propost mhuwix dokument awtonomu u li l-utenti jkollhom jikkonsultaw il-GFR sabiex japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-FEŻ.

⁽¹⁾ ĠUL 210, 6.8.2013, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 193, 30.7.2018, p. 1.

⁽³⁾ ĠUC 370, 17.12.2013, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠUC 5, 8.1.2016, p. 6.

⁽⁵⁾ ĠUC 91, 23.3.2017, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠUC 322, 28.9.2017, p. 281; ĠUC 375, 13.10.2016, p. 287; ĠUC 373, 10.11.2015, p. 289.

⁽⁷⁾ "Appoġġ tal-UE għall-governanza fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo" (<http://eca.europa.eu>).

⁽⁸⁾ "Kooperazzjoni tal-UE mal-Eġittu fil-Qasam tal-Governanza" (<http://eca.europa.eu>).

⁽⁹⁾ "Il-ġestjoni mill-Kummissjoni tas-Sostenn Baġitarju Ġenerali fil-pajjiżi AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja" (<http://eca.europa.eu>).

⁽¹⁰⁾ COM(2018) 485 final.

⁽¹¹⁾ ĠUL 298, 26.10.2012, p. 1.

OSSERVAZZJONIJIET SPEĊIFIĊI**Appoġġ baġitarju**

5. L-Artikolu 236 tal-GFR jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-użu tal-appoġġ baġitarju li jingħata lil pajjiżi terzi. Aħna nifhemu li r-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, li ġie propost, ma jżidx karatteristiki ġodda li huma speċifiċi għall-Istati AKP jew l-OCTs. Għalhekk, aħna nqisu li r-referenza għall-GFR inkluża fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 36 tal-proposta għadha kompletament iġġustifikata.

6. Madankollu, fil-paragrafi 2 sa 7, l-Artikolu 36 jipprovdi parafrasi tat-termini u l-kundizzjonijiet eżistenti stabbiliti fl-Artikolu 236 tal-GFR, u magħhom iżid oħrajn ġodda wkoll. Pereżempju, l-Artikolu 36 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ, li ġie propost, jistipula li l-appoġġ baġitarju għandu l-għan li jsaħħaħ is-sħubijiet kuntrattwali bejn l-Unjoni u l-Istati AKP jew OCTs sabiex jingħata appoġġ għal, fost l-oħrajn, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, u biex jinqered il-faqar. Dawn l-oġġettivi mhumiex inklużi fil-GFR. Aħna nqisu li dawn l-inkonsistenzi jżidu l-possibbiltà ta' konfużjoni jew ta' fehim skorrett fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tiegħu.

7. Barra minn hekk, l-ambitu tas-setgħa diskrezzjonali li tingħata lill-Kummissjoni fil-paragrafu finali tal-Artikolu 36 fir-rigward tal-ġhoti ta' appoġġ baġitarju lill-OCTs mhijiex ċara.

8. Fl-Opinjoni Nru 3/2013 tagħha dwar il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament Finanzjarju preċedenti applikabbli għall-11-il FEŻ, il-Qorti diġà rrakkomandat li l-Kunsill jeżamina l-artikolu li jitratta l-appoġġ baġitarju, li huwa simili għal dak inkluż fil-proposta attwali.

Analiżi ta' paragrafi individwali

9. Ir-riżultati tal-analiżi dettaljata tal-Qorti u tas-suġġerimenti korrispondenti għal modifiki huma ppreżentati fl-Anness.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla III, immexxija mis-Sinjura Bettina JAKOBSEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-25 ta' Settembru 2018.

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Klaus-Heiner LEHNE

President

Analiżi tal-proposta tal-Kummissjoni u s-suġġerimenti tal-Qorti

Ref.	Proposta tal-Kummissjoni	Analiżi tal-Qorti	Suġġeriment tal-Qorti
Premessa 18	"Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskrutinju min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri tar-riżorsi tal-11-il FEŻ li huma amministrati mill-BEI jkunu konformi mal-Ftehim Tripartitiku li ġie konkluż bejn il-Qorti tal-Awdituri, il-BEI u l-Kummissjoni previst fl-Artikolu 248(4) tat-Trattat."	Referenza antika, trid tiġi aġġornata.	"Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-iskrutinju min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri tar-riżorsi tal-11-il FEŻ li huma amministrati mill-BEI jkunu konformi mal-Ftehim Tripartitiku li ġie konkluż bejn il-Qorti tal-Awdituri, il-BEI u l-Kummissjoni previst fl-Artikolu <u>287(3)</u> 248(4) tat-Trattat."
Artikolu 3(2) (e)	"ir-referenzi għal "linja baġitarja" fir-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] għandhom jinftehimu bħala referenzi għal "allokaz-zjoni" f'dan ir-Regolament;"	M/A fil-MT.	"ir-referenzi għal "linja baġitarja" fir-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] għandhom jinftehimu bħala referenzi għal "allokaz-zjoni" f'dan ir-Regolament;"
Artikolu 7	"Għandu japplika l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid]. Bla ħsara għall-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, id-dħul totali għandu jkopri l-istima tal-pagamenti totali."	Għall-konsistenza, jenħtieġ li tiżdied sentenza mill-Artikolu 20 tal-GFR " <i>Bla ħsara għall-Artikolu 27, id-dħul u n-nefqa kollha għandhom jiddaħħlu b'mod sħiħ mingħajr l-ebda aġġustament kontra xulxin.</i> " Jekk ma tiżdiedx, ir-referenza interna għall-Artikolu 27 li ssir fl-Artikolu 20 tista' ma tkunx tapplika għall-11-il FEŻ (skont l-Artikolu 2.2 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il FEŻ).	"Għandu japplika l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE, Euratom) [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid]. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, id-dħul totali għandu jkopri l-istima tal-pagamenti totali. <u>Bla ħsara għall-Artikolu 27 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid].</u> "
Artikolu 8 (2) (d)	"ħlasijiet lura u dħul iġġenerat minn strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji skont l-Artikolu 209(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid];"	Jenħtieġ li t-test ikun allinjat mal-Artikolu 21(3)(f) tal-GFR li jirreferi biss għal ħlasijiet lura.	"ħlasijiet lura u dħul iġġenerat minn għal strumenti finanzjarji u jew garanziji baġitarji skont <u>it-tieni subparagrafu</u> tal-Artikolu 209(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid];"
Artikolu 8 (4)	"Għandhom japplikaw l-Artikoli 25 sa 27 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] fir-rigward ta' donazzjonijiet. L-aċċettazzjoni ta' donazzjoni għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-Kunsill."	Jenħtieġ li t-test jiġi kkoreġut għal "l-Artikoli 25 u 26". L-Artikolu 27 jikkonċerna "Regoli dwar it-tnaqqis u l-aġġustamenti tar-rati tal-kambju". Jenħtieġ li t-test jirreferi wkoll għal "sponsorizzar korporattiv", li huwa s-suġġett tal-Artikolu 26.	"Għandhom japplikaw l-Artikoli 25 sa 26 7 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid] fir-rigward ta' donazzjonijiet u sponsorizzar korporattiv. L-aċċettazzjoni ta' donazzjoni <u>jew sponsorizzar korporattiv</u> għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-Kunsill."

Ref.	Proposta tal-Kummissjoni	Analiżi tal-Qorti	Suġġeriment tal-Qorti
Artikolu 20 (ex-22)	Il-verżjoni oriġinali tal-ex-Artikolu 22 skont ir-Regolament tal-Kunsill 2015/323.	Il-proposta mhijiex konformi mal-verżjoni emendata tal-Artikolu 22 skont ir-Regolament tal-Kunsill 2016/888.	L-Artikolu 22 skont ir-Regolament tal-Kunsill 2016/888.
Artikolu 30 (3) (a)	<p>“Meta l-11-il FEŻ jiġi applikat f’għestjoni indiretta ma’ Stati AKP, l-OCTs jew l-organizzazzjonijiet reġjonali tagħhom, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kontraenti, il-Kummissjoni:</p> <p>(a) għandha, meta jkun meħtieġ, tirkupra l-ammonti dovuti mir-riċevituri tal-awtoritajiet kontraenti skont l-Artikolu 101 sa 104 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid], inkluż permezz ta’ deċiżjoni li għandha tkun infurzabbli taħt l-istess kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 299 tat-TFUE;”</p>	<p>Biex ikun konsistenti mal-Artikolu 23.1, it-test irid jaqra: skont l-Artikolu 101, ħlief għal 101.7 sa 101.9.</p> <p>Għal raġunijiet ta’ ċarezza u għal konsistenza mal-Artikolu 23.1, jenħtieġ li jiġu inklużi wkoll l-Artikoli 105 u 106.</p>	<p>“Meta l-11-il FEŻ jiġi applikat f’għestjoni indiretta ma’ Stati AKP, l-OCTs jew l-organizzazzjonijiet reġjonali tagħhom, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kontraenti, il-Kummissjoni:</p> <p>(a) għandha, meta jkun meħtieġ, tirkupra l-ammonti dovuti mir-riċevituri tal-awtoritajiet kontraenti skont l-Artikolu 101, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 101(7) sa 101(9), sal-Artikolu 106 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru [ir-Regolament Finanzjarju l-ġdid], inkluż permezz ta’ deċiżjoni li għandha tkun infurzabbli taħt l-istess kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 299 tat-TFUE;”</p>
Titolu tal-Artikolu 39	“Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja”	Jenħtieġ li t-titolu jiġi kkoreġut peress li ma jikkonċernax id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, iżda r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja biss.	“Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji u r-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja”

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT